



BANK ĊENTRALI EWROPEW

STATISTIKA TAL-BĊE

DESKRIZZJONI FIL-QOSOR

AWWISSU 2005

L-iskop ewlieni ta' l-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) hu li ssostni l-politika monetarja tal-BĊE flimkien ma' dmirijiet oħra ta' l-Ewrosistema u tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ).

Dan il-fuljett jiddeskrivi fil-qosor l-istatistika li l-BĊE, megħjun mill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Unjoni Ewropea (UE), jiżviluppa, jiġbor, jikkompila u jxandar.

INFORMAZZJONI ĠENERALI

Fil-kompilazzjoni ta' l-istatistika, il-BĊE huwa megħjun mill-banek ċentrali nazzjonali, jew BĊN. Il-BĊN (u, f'ċerti każi, awtoritajiet nazzjonali oħra) jiġbru d-data minn istituzzjonijiet ta' kreditu u minn sorsi oħra fil-pajjiżi rispettivi tagħhom u jikkalkolaw l-aggregati fil-livell nazzjonali, li huma mbagħad jibagħtu lill-BĊE. Il-BĊE mbagħad jikkompila u jxandar l-aggregati għaż-żona ta' l-euro.

Il-karatteristiċi ewlenin ta' l-istatistika tal-BĊE huma:

- Fokus fuq iż-żona ta' l-euro. Dan ifisser illi d-data nazzjonali kollha li tinġabar għall-istatistika għandha tkun ibbażata fuq għadd ta' definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet komuni biex tkunu tista' tiġi mqabbla b'tali mod li tipproduċi aggregat li jagħmel sens.
- Il-bażi ġuridika għall-iżvilupp, il-ġbir, il-kompilazzjoni u x-xandir ta' l-istatistika mill-BĊE hija stabbilita fl-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u fl-Istatut tal-Bank Ċentrali Ewropew. Il-BĊE adotta u ippubblika għadd ta' atti legali li jindirizzaw firxa wiesgħa ta' statistika.
- Filwaqt li jiżgura li r-rekwiżiti statistiċi jiġu sodisfatti, il-BĊE jagħmel mill-aħjar biex inaqqas kemm jista' jkun il-piż li r-rappurtar statistiku jqiegħed fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu u fuq aġenti oħra li jirrapportaw u għalhekk, fejn hu possibbli, juża statistika eżistenti.
- Il-BĊE jaħdem mill-qrib ma' l-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea. Ir-responsabbiltà għall-istatistika fil-livell Ewropew tinqasam bejn il-BĊE u l-Kummissjoni Ewropea (permezz ta' l-Eurostat, l-Uffiċċju ta' l-Istatisika tal-Komunitajiet Ewropej). It-tqassim eżatt tax-xogħol jinsab stipulat fil-Memorandum ta' Ftehim dwar l-Istatistika Finanzjarja u Ekonomika (Marzu 2003), li jinsab fuq il-*website* tal-BĊE .
- Fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-istatistika, il-BĊE jżomm ukoll relazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra. Kull fejn hu possibbli, l-istatistika tal-BĊE tikkonforma ma' standards internazzjonali.

XI STATISTIKA JIPPRODUĊI L-BĊE?

It-tipi ewlenin ta' l-istatistika ppubblikati mill-BĊE huma:


Statistika monetarja, bankarja u tas-swieq finanzjarji

Kull xahar, il-BĊE jikkompila u jxandar firxa wiesgħa ta' statistika u indikaturi monetarji, inklużi l-kejl wiesgħa tal-provvista tal-flus magħrufa bħala M3, il-komponenti tagħha (karti tal-flus u muniti, depożiti fuq żmien qasir u strumenti negozjabbli fuq żmien qasir) u l-kontropartijiet tagħha, b'mod partikolari krediti u obbligazzjonijiet fuq żmien itwal. Il-BĊE jaġġusta wkoll l-istatistika ta' kull xahar biex ikun jista' jieħu kont tal-fatturi staġjonali, li jagħmluha iżjed faċli biex wieħed janalizza t-tendenzi.

L-aggregati monetarji u l-kontropartijiet tagħhom jiġu kkalkolati mill-karta tal-bilanċ tas-settur ta' l-istituzzjonijiet monetarji u finanzjarji (IMF), li tiġi ppubblikata wkoll kull xahar. L-IMF huma istituzzjonijiet – bħalma huma l-banek – li jirċievu depożiti jew joħorġu titoli fuq żmien qasir ħafna u jagħtu kreditu jew jinvestu f'titoli f'isimhom stess. Din id-definizzjoni tmur 'l hinn minn dik ta' "istituzzjonijiet ta' kreditu" skond il-liġi Komunitarja Ewropea minħabba l-fatt li tinkludi fondi tas-swieq tal-flus u xi tipi oħra ta' istituzzjonijiet.

ĊÂRT I

Analiżi tar-rata annwali ta' tkabbir ta' l-M3 skond il-komponenti ewlenin tagħha (kontributi miġbura f'punti perċentwali; mhux aġġustati skond l-istaġun; tmien tal-perijodu)




Sors: BĊE.

Il-BĊE u l-BĊN jipprovdu listi ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jissodisfaw din id-definizzjoni. L-istatistika tal-karta tal-bilanċ ta' l-IMF tintuża wkoll biex jiġu kkalkolati l-ħtiġijiet tar-riżerva minima li l-istituzzjonijiet tal-kreditu għandhom jissodisfaw, li hi waħda mill-istrumenti tal-politika monetarja tal-BĊE.

Il-BĊE jikkompila wkoll statistika armonizzata dwar ir-rati ta' imgħax imħallsa u mitluba mill-IMF fil-kummerċ tagħhom ma' l-individwi u ma' l-intrapriżi fiż-żona ta' l-euro.

ĊÂRT II

Rati ta' imgħax tal-IMF fuq depożiti denominati f'euro (perċentwali fis-sena minbarra spejjeż; rati kummerċjali ġodda)



- depositi overnight minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji
- depositi minn individwi li jinfedw wara notiffika ta' mhux iżjed minn tliet xhur
- - - - - depositi minn individwi b'maturità miftiehma ta' mhux iżjed minn sena
- depositi minn individwi b'maturità miftiehma ta' iżjed minn sentejn

Sors: BĊE.

Barra dan, il-BĊE jipproduċi statistika ddettaljata dwar il-prezzijiet u l-volum tas-swieq finanzjarji, fosthom data ta' kull xahar dwar il-volum ta' titoli ta' dejn u ishma kkwotati, u li tkopri ħruġ, fidi u ammonti pendenti u informazzjoni dwar prezzijiet ta' strumenti finanzjarji. Ikompli jżviluppa metodoloġiji komuni biex ikunu jistgħu jiġu kkalkolati indikaturi statistiċi paragonabbli u rappreżentattivi għas-swieq finanzjarji taż-żona ta' l-euro. Dan jgħin ukoll biex tiġi ssoveljata l-integrazzjoni finanzjarja.


Il-BĊE jippubblika wkoll informazzjoni dwar istituzzjonijiet finanzjarji barra s-settur ta' l-IMF, inklużi fondi ta' investiment fis-swieq li mhumiex tal-flus, minħabba l-konnessjonijiet mill-qrib bejn l-attivitatijiet tagħhom u n-negozju ta' l-IMF.

Bilanċ ta' pagamenti u statistika esterna oħra

Il-BĊE jippubblika l-bilanċi ta' pagamenti (b.o.p) ta' kull xahar għaż-żona ta' l-euro, li juru t-transazzjonijiet prinċipali bejn residenti taż-żona ta' l-euro u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona ta' l-euro. Barra l-b.o.p. ta' kull xahar tiġi ppubblikata statistika trimestrali u annwali iżjed dettaljata li tagħti analiżi ġeografika. Qafas metodoloġiku konsistenti jippermetti l-integrazzjoni ta' l-analiżi ta' l-istatistika monetarja u tal-b.o.p. għaż-żona ta' l-euro. Il-preżentazzjoni monetarja tal-b.o.p., li l-BĊE i ppubblika sa minn Ġunju 2003, hi disponibbli kull xahar u tipprovdi rabta bejn it-transazzjonijiet barranin tal-partijiet li mhumiex banek fiż-żona ta' l-euro u l-provvista tal-flus fiż-żona ta' l-euro.

ĊART III

Rati ta' imgħax tal-IMF fuq self denominat f'euro (perċentwali fis-sena minbarra spejjeż; rati kummerċjali ġodda)




- self kurrenti mill-banek lil individwi
- self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji sa €1 miljun b'rata varjabbli u bl-iffissar ta' rata inizjali ta' mhux iżjed minn sena
- - - self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji ta' iżjed minn €1 miljun b'rata varjabbli u bl-iffissar ta' rata inizjali ta' sena jew inqas
- self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji ta' iżjed minn €1 miljun bl-iffissar ta' rata inizjali ta' iżjed minn ħames snin
- self lil individwi għax-xiri ta' djar bl-iffissar ta' rata inizjali ta' bejn ħames u għaxar snin

Sors: BĊE.

ĊART IV

Bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-euro: kontijiet kurrenti u kapitali (EUR biljuni; transazzjonijiet; mhux aġġustati skond l-istaġun)



- prodotti
- ▨ dħul
- servizzi
- ▨ trasferimenti kurrenti
- ▨ kont kapitali
- total

Sors: BĊE.

Barra dan, il-BĊE jippubblika statistika ta' kull xahar dwar ir-riżervi internazzjonali u l-likwidità tal-munita barranija, tiegħu u ta' l-Ewrosistema, u statistika trimestrali u annwali dwar il-pożizzjoni ta' l-investiment internazzjonali (i.i.p.) taż-żona ta' l-euro, li tipprovdi stampa ġenerali tat-talbiet taż-żona ta' l-euro kontra, u l-passiv favur, il-bqija tad-dinja, waqt li tagħti analiżi ġeografika (fl-i.i.p. annwali).

L-aggregati li jkopru ż-żona ta' l-euro jinkludu krediti u debiti, u assi u passivi, separatament. B'kuntrast mal-b.o.p./i.i.p. nazzjonali, li jkopru t-transazzjonijiet u l-pożizzjonijiet kollha ta' ekonomija nazzjonali, jiġifieri inklużi dawk vis-à-vis residenti oħra taż-żona ta' l-euro, il-b.o.p. u l-i.i.p. taż-żona ta' l-euro jinkludu biss transazzjonijiet u pożizzjonijiet fil-konfront ta' residenti f'pajjiżi barra ż-żona ta' l-euro.

Il-BĊE jikkompila wkoll statistika dwar ir-rwol internazzjonali ta' l-euro u l-indiċi effettivi tar-rata ta' kambju għall-euro, f'termini nominali u reali, bl-użu ta' fatturi deflazżjonarji varji.


Kontijiet finanzjarji

Il-BĊE jeħtieġ kontijiet trimestrali finanzjarji u mhux finanzjarji għaż-żona ta' l-euro. Il-kontijiet finanzjarji jippreżentaw transazzjonijiet finanzjarji kif ukoll karti ta' bilanċ finanzjarji għas-setturi kollha ta' l-ekonomija taż-żona ta' l-euro. Dawn għalhekk juru l-interrelazzjonijiet finanzjarji bejn is-setturi differenti, u bejniethom u l-bqija tad-dinja. Din il-preżentazzjoni wiesgħa ta' l-ekonomija tipprovdi wkoll stampa komprensiva tad-djun ta' l-individwi, korporazzjonijiet u gvernijiet. Ta' interess partikolari huma l-azzjonijiet reċiproċi bejn it-transazzjonijiet finanzjarji u dawk mhux finanzjarji, b'mod partikolari fir-rigward ta' partiti analitiċi li jibbilanċjaw, bħal tiffidil, defiċit tal-gvern u prodott gross domestiku.

Il-kontijiet isegwu l-metodu integrat deskritt fis-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali (ESA 95). Abbażi ta' prinċipji armonizzati tal-kontabilità, kontijiet finanzjarji trimestrali taż-żona ta' l-euro huma wkoll utli ħafna għall-verifika tal-konsistenza ta' data ta' frekwenza għolja pprovduta minn statistika monetarja u bankarja, tal-bilanċ ta' pagamenti, tas-suq kapitali u tal-finanzi tal-gvern.


ĊART V

Bilanċ ta' pagamenti taż-żona ta' l-euro: investiment dirett barrani (FDI) skond il-kontropartijiet ewlenin (EUR biljuni, transazzjonijiet)



ĊART VI

Finanzjament tas-setturi mhux finanzjarji taż-żona ta' l-euro (rati annwali ta' tkabbir; kontribuzzjonijiet f'punti perċentwali)




Fil-preżent, id-data trimestrali dwar it-transazzjonijiet finanzjarji u l-ammonti pendenti għas-setturi mhux finanzjarji u għal korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni hi ppubblikata fit-tabelli dwar il-finanzjament u l-investiment fil-Bullettin ta' kull Xahar tal-BĊE. Bħalissa qiegħed isir xogħol biex jiġi pprovdut aktar dettall skond is-settur u skond l-istrument finanzjarju, u biex jiġu kkompilati kontijiet trimestrali integrati tas-settur finanzjarju u ta' dak mhux finanzjarju għaż-żona ta' l-euro.

Statistika finanzjarja tal-gvern

Biex tkun tista' ssir l-analiżi meħtieġa għall-politika monetarja, il-BĊE u s-SEBĊ jeħtieġu statistika finanzjarja tal-gvern li tkun komprensiva u affidabbli bbażata fuq l-ESA 95. L-istatistika finanzjarja tal-gvern hi parti importanti tas-sistema integrata tal-kontijiet finanzjarji u mhux finanzjarji settorjali għaż-żona ta' l-euro. Id-data finanzjarja annwali tal-gvern tingħata fi tliet tabelli prinċipali li juru s-serje temporali għaż-żona ta' l-euro dwar i) id-dħul u l-infiq, ii) id-dejn tal-gvern u iii) ir-relazzjoni bejn id-defiċit tal-gvern u t-tibdil fid-dejn tal-gvern. Huma mogħtija wkoll id-defiċit u d-dejn tal-gvern tal-pajjiżi individwali taż-żona ta' l-euro. Biex jiġu kkompilati l-aggregati taż-żona ta' l-euro, hi meħtieġa informazzjoni addizzjonali dwar transazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea. Data trimestrali tal-finanzi tal-gvern li turi d-dħul u l-infiq għaż-żona ta' l-euro tiġi ppubblikata wkoll.

ĊÂRT VII
Dħul ġenerali tal-gvern, spejjeż u defiċit fiż-żona ta' l-euro
(bħala perċentwali tal-PGD)




Statistika dwar l-HICP, prezzijiet oħra, spejjeż, produzzjoni u swieq tax-xogħol

Il-BĊE jiddefinixxi l-istabbiltà tal-prezzijiet, li hu l-għan ewlieni tiegħu, f'termini ta' l-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) għaż-żona ta' l-euro. Juża u jxandar wkoll b'mod regolari firxa wiesgħa ta' statistika dwar prezzijiet u spejjeż, kontijiet nazzjonali, swieq tax-xogħol, kummerċ barrani u statistika ekonomika ġenerali varja oħra. Il-Kummissjoni Ewropea għandha r-responsabbiltà ewlenija għal dan it-tip ta' statistika.

Il-BĊE jaħdem mill-qrib mal-Kummissjoni (Eurostat) biex jiżviluppa kunċetti statistiċi armonizzati u jikseb statistika li tkun disponibbli b'mod regolari u ta' kwalità tajba għaż-żona ta' l-euro. Jikkompila u jipubblika wkoll indikaturi varji derivati għaż-żona ta' l-euro, bħal ma huma miżuri ta' prezzijiet tal-proprjetà residenzjali, impjieg u produttività, u jikkalkola ċifri aġġustati skond l-istaġun.

ĊÂRT VIII
Inflazzjoni taż-żona ta' l-euro (Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur)
(perċentwal ta' tibdil annwali; kontribuzzjonijiet għall-perċentwal ta' tibdil annwali)



PJANIJIET FUQ ŻMIEN MEDJU

Għan ewlieni ta' l-istatistika taż-żona ta' l-euro huwa l-integrazzjoni ta' l-istatistika ekonomika u finanzjarja differenti f'qafas komprensiv ta' kontijiet trimestrali skond is-settur istituzzjonali. Dawn il-kontijiet ser ikopru korporazzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji, l-amministrazzjoni pubblika u individwi, u jinkorporaw rabtiet ma' aġenti ekonomiċi barra ż-żona ta' l-euro. Dan ser itejjeb il-konsistenza bejn il-fatturi varjabbli finanzjarji u mhux finanzjarji u b'hekk jiffaċilita l-analiżi settorjali. L-iżvilupp ta' statistika ġdida u mtejjba, per eżempju dwar intermedjarji finanzjarji mhux monetarji hu wkoll prijorità għolja fuq żmien medju. Dan ser isostni wkoll dan il-għan u jkompli jsaħħaħ il-bażi statistika għall-politika monetarja tal-BĊE u dmirijiet oħra tas-SEBĊ.

FEJN TINSAB L-ISTATISTIKA?

Firxa wiesgħa ta' statistika tiġi ppubblikata fl-istqarrijiet għall-istampa ta' kull xahar u kull tliet xhur u fis-sezzjoni "Statistika taż-żona ta' l-euro" tal-Bullettin ta' kull Xahar tal-BĊE. Statistika dwar żviluppi ekonomiċi reċenti fiż-żona ta' l-euro u fl-Istati Membri ta' l-UE hi wkoll mogħtija fil-qosor fil-Ktejjeb ta' l-Istatistika tal-BĊE. Il-Ktejjeb fih ukoll paraguni varji bejn iż-żona ta' l-euro, l-UE, l-Istati Uniti u l-Ġappun. Biex tirċievi dawn il-pubblikazzjonijiet bla ħlas, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-BĊE fl-indirizz provdut.

Wieħed jista' jsib l-istatistika kollha wkoll fis-sezzjoni dwar l-istatistika tal-*website* tal-BĊE (www.ecb.int). Dokumentazzjoni dettaljata dwar definizzjonijiet u kunċetti wżati għall-istatistika varja (inklużi l-atti legali rilevanti kollha) hi ppreżentata wkoll fil-*website*.

INFORMAZZJONI OHTA

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja t-Taqsimat ta' l-Istampa u l-Infommazzjoni tal-BĊE (tel.: +49 69 1344 7454 jew 7455, fax +49 69 1344 7404) jew ibgħat e-mail lil: info@ecb.int.

INDIRIZZ

Kaiserstraße 29
60311 Frankfurt am Main
Germany

INDIRIZZ POSTALI

Postfach 16 03 19
60066 Frankfurt am Main
Germany

ISSN 1725-3748 (Online)